Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 29 ta' Frar 2024**

**Kump. Nru. 1954/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Versus**

**Michael Mangion**
**(574551M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Michael Mangion**, detentur tal-karta tal-identita' 574551M.

Akkuzat talli fil-5 t'Ottubru 2022 ghall-habta ta' 15:05hrs fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Mqabba soqt vettura b'numru ta' registrazzjoni FED 981;

1. B'manjiera traskurata

2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

3. U aktar talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

4. U aktar talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura u riesaq lejn Pedestrian Crossing li tahdem bid-dawl naqas li jnaqqasi l- velocita' u jieqaf waqt li kien qed jixghel dawl ahmar;

5. Kif ukoll talli waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura u riesaq lejn Pedestrian Crossing naqas li jnaqqas il-velocita' u jieqaf waqt li kienet qed tigi wzata mill-pubbliku;

6. U meta kien involut f'incident tat-traffiku, naqas li jieqaf u meta kien mehtieg naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-ligi u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali;

7. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Jake Cardona li gabet il- konsegwenzi msemmijin, fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifikat Dr Jessica Chetcuti MD mill-MDH;

8. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il- persuna ta' Enrica Ciantar li gabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta skont kif iccertifika Mr Thomas Azzopardi MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni qed titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S 65.18 Sitt Skeda.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrijja ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu, 7, 31, 218 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9, Artikolu 15(1)(a) u 15(J) tal-Kapitolu 65, kif ukoll Artikolu 67(1)(5), 89(1) u 125(2)(a) tal-L.S. 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Michael Mangion hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u qed tikkundannah ghal <u>erbatax-il xahar (14) prigunerija</u>, li ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha (4) snin millum kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' mitejn Euro (€200.00).**

Inoltre ai termini ta' Artikolu 36B u s-Sitt Skeda tal-L.S 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tnaqqas wiehed u tletin punt (31) minn fuq il-licenzja tas-sewqan tal-hati, u ghalhekk ai termini ta' l-Artikolu 36C tal-L.S 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna ir-revoka shiha tal-licenzja tas-sewqan tieghu.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**